MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2009

Numru 464/1998

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**
**(Spettur Maria Stella Cutajar)**

**vs**

**Charles Debono**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Charles Debono ta’ 33 sena iben Carmel u Carmela nee’ Camilleri, imwieled Pieta’ nhar is-26 ta’ Dicembru 1964 u residenti 95, Triq San Gwann, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 36665(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. F’ Bormla nhar il-21 ta’ Gunju 1998, ghal habta tat-3.15 ta’ wara nofs in nhar, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ li jikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ Carmelo Debono, Aloisio Magro u Martin Debono, it-tlieta minn Bormla kif ukoll fuq il-persuna ta’ Joseph Aquilina mill-Isla, wera dan il-hsieb b’ atti esterni u ta’ bidu ghall-ezekuzjoni ta’ dan id-delitt, billi permezz ta’ arma tan-nar spara tir fid-direzzjoni tal-imsemmija Carmel Debono, Aloisio Magro u Martin Debono it-tlieta minn Bormla u ta’ Joseph Aquilina mill-Isla, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu ;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u fi bnadi ohra f’ dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess u jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar u munizjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, kif ukoll zamm u garr l-istess arma li hija arma regolari kif ukoll munizjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ;

3. F’ Malta, nhar il-21 ta’ Gunju 1998 u fix-xhur ta’ qabel, meta gie fil-pussess ta’ arma tan-nar jew munizjon, xort’ ohra milli bl-licenzja, naqas li minnufih jaghti l-avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, biex jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz ;

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi spara arma tan-nar f’ post abitat, ghaldaqstant f’ distanza ta’ anqas minn mitejn metru minn post abitat b’ perkolu ghal min seta kien ghaddej ;

5. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra il-persuna u cioe’ tentattiv ta’ feriti gravi b’ arma tan-nar, kontra il-persuni ta’ Carmelo Debono, Aloisio Magro u Martin Debono it-tlieta minn Bormla u Joseph Aquilina mill-Isla, kellu fuq il-persuna tieghu armi tan-nar u munizjon ;

6. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded serjament lil Carmelo Debono, Aloisio Magro u Martin

Deboo, it-tlieta minn Bormla u lil Joseph Aquilina mill-Isla permezz ta' arma tan-nar ;

7. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen u indecenti li jikkonsisti f' dagha ;

8. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ;

9. Hebb kontra il-persuna ta' huh Martin Debono minn Bormla sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor ;

10.Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghal reati b' sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 5 ta' Jannar 2001 (esebita a fol. 339 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-Artikoli 41 (1)(a), 214, 215, 216, 217, 218, 339 (b)(d)(e), 338(dd), 338(bb), 342, 17(b)(c), 31, 20 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 3, 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kap. 66 ;
(c) Fl-Artikoli 22(2), 24(2), 33, 29 u 40 tal-Kap.33 ;

Rat li fis-seduta tal-1 Frar 2001 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda glieda f'ambitu familjari li allegatament sehhet fil-21 ta' Gunju 1998. Mill-provi rrizulta li fil-gurnata imsemmija ghall-habta tat-3.15pm l-imputat mar bil-vettura tieghu quddiem ir-residenza ta' missieru Carmel Debono gewwa Bormla u hemmhekk inqalghet glieda bejn l-imputat u huh Martin Debono fejn huma gew fl-idejn. Irrizulta wkoll li ftit tal-hin wara missier l-imputat Carmel Debono ghamel rapport l-Ghassa ta' Bormla fejn allega li ibnu Charles Debono kien ipponta arma tan-nar fid-direzzjoni tieghu, ta' ibnu Martin Debono, tan-neputi ta' hdax-il sena Aloisio Magri u ta' certu Joseph Aquilina waqt li dawn kienu fil-gallarija tar-residenza tieghu (ta' Carmel Debono) u meta huma raw hekk dahlu l-gewwa u semghu hoss ta' sparatura. Irrizulta wkoll li dak iz-zmien kien hemm inkwiet familjari bejn l-ahwa u l-missier stante li il-genituri tal-imputat kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni.

Wara r-rapport li sar minn Carmel Debono saret Inkjesta Magisterjali (process verbal relattiv inserit a fol. 74 et sequitur tal-atti processwali) fejn gew appuntati diversi esperti, in-nomina ta' liema giet konfermata f'dawn il-proceduri. L-esperti hekk nominati ghamlu gunshot residue tests kemm fuq il-persuna tal-imputat kif ukoll fuq hwejgu u anki hadu swabs mill-vettura li huwa kien qed isuq dakinhar izda dawn ilkoll irrizultaw fin-negattiv fis-sens li ma nstabu ebda tracci ta' gunshot residue. Mix-xhieda tal-Ispettur Carmelo Bartolo li mar fuq il-post fejn sehhet l-allegata sparatorja immedjatament wara li sar ir-rapport minn Carmel Debono, irrizulta li ma nstab ebda bullet fuq il-post jew altrimenti xi sinjal iehor li kienet saret sparatorja. Inoltre nonostante li saru tfittxijiet kemm fil-vettura kif ukoll fir-residenza tal-imputat, ma nstabet ebda arma tan-nar.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz u jidrilha li jezistu varji inkonsistenzi bejn il-verzjonijiet tal-fatti moghtija mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz dwar dak li effettivament gara. Jekk wiehed jara ix-xhieda moghtija

minn Carmel Debono (xhieda relattiva inserita a fol. 29-42) jista’ jigi konstatat li dan ix-xhud kien pjuttost konfuz dwar dak li effetivament gara u f’hafna istanzi jghid li ma jiftakar xejn. Kemm Carmel Debono kif ukoll Martin Debono u Joseph Aquilina ma jaqblux fir-rakkont taghhom dwar dak li gara bejn meta l-imputat mar wara il-bieb tad-dar ta’ missieru sakemm gew biex jidhlu gewwa u jitilghu fil-gallarija. L-unika xhud li effettivament jaghti rendikont preciz dwar dak li seta’ gara huwa it-tifel ta’ hdax-il sena Aloisio Magri fejn jghid li kien ra lill-imputat jipponta arma tan-nar lejn il-gallarija fejn kienu huma u sussegwentement sema’ hoss ta’ sparatura izda meta dan ix-xhud rega’ xehed fl-udjenza tal-20 ta’ Lulju 2001 qal li dak li kien xehed dwaru precedentement kien qalu ghaliex semghu minghand haddiehor u mhux ghaliex effettivament kien rah.

Illi l-imputat kien irrilaxxja stqarrija fit-22 ta Gunju 1998 (esebita a fol. 244 u 245 tal-process) fejn huwa ikkonferma li kien mar quddiem id-dar ta’ missieru Carmel Debono bil-vettura tieghu u li kien gie fl-idejn ma huh Martin Debono izda cahad li kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar jew li kien ipponta xi arma tan-nar fid-direzzjoni ta’ missieru, ta’ huh tan-neputi tieghu Aloisio Magri jew ta’ Joseph Aquilina jew li kien spara b’arma tan-nar fid-direzzjoni taghhom.

Illi f’dawn il-proceduri l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat jirrigwardaw attentat da parti tal-imputat li jikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuni ta Carmel Debono, Martin Debono, Aloisio Magri u ta’ Joseph Aquilina permezz ta’ arma tan-nar u akkuzi ohra relatati mal-pussess u uzu ta’ arma tan-nar minghajr permess.

Illi meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-inkonsistenzi riskontrati fix-xhieda migjuba mill-Prosekuzzjoni dwar dak li effettivament gara fil-21 ta’ Gunju 1998 u meta wiehed iqis li ma nstabu ebda sinjali ta’ sparatorja fuq il-post fejn gie allegat li sehhet tali sparatorja u li nonostante li saru it-testijiet kollha relattivi ma nstab ebda sinjal ta’ gunshot residue la fuq il-persuna tal-imputat u l-anqas fuq hwejgu jew fil-vettura tieghu u meta wiehed jikkunsidra li

nonostante tfittxija intensiva ma nstabet l-ebda arma tan-nar la fil-pussess tal-imputat u l-anqas fir-residenza tieghu jew fil-postijiet minnu frekwentati, wiehed bilfors jikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi il-Qorti fil-fatt jidrilha li jezisti aktar minn dubju ragjonevoli li effettivament sehhet l-allegata sparatorja jew li l-imputat kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar dakinhar li nqala' l-incident bejnu u bejn huh Martin Debono. Il-Qorti effettivament setghat tikkonstata li filwaqt li x-xhieda tal-Prosekuzzjoni kienu pjuttost konsistenti dwar dak li kien gara sal-mument li l-imputat u huh Martin gew fl-idejn huma mbaghad kienu pjuttost konfuzi u vagi dwar dak li gara wara u cioe' meta gie allegat li saret l-isparatorja u ghalhekk il-Qorti tiddubita serjament li effettivament sehhet tali sparatorja.

Ghal kull buon fini irid jigi rilevat li fl-udjenza tal-20 ta' Lulju 2001 Carmel Debono, Martin Debono u Aloisio Magri lkoll hafru lill-imputat ghal dak li kien gara u fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2008 Joseph Aquilina wkoll irrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfronti tal-imputat.

Illi l-Qorti jidrilha li la l-akkuza li l-imputat ittenta jikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Carmel Debono, Martin Debono, Aloisio Magri u Joseph Aquilina u l-anqas ir-reati indikati mill-Avukat Generali kontemplati fl-Artikoli 3, 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta jew fl-Artikoli 22(2), 24 (2), 33, 29 u 40 tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk l-imputat mhux ser jinstab hati tal-imsemmija akkuzi. L-Avukat Generali indika wkoll li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 339 (b), (d) u (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda kif intqal aktar 'il fuq saret rinunzja ghall-azzjoni kriminali mill-parti civili Carmel Debono, Martin Debono, Aloisio Magri u Joseph Aquilina u ghalhekk il-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda dawn l-akkuzi u ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi.

Fil-fehma tal-Qorti l-unika akkuzi li jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni f'dan il-kaz huma

dawk kontemplati fl-Artikoli 338(bb) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dawn jirrizultaw anki mill-istess stqarrija rilaxxjata mill-imputat u huwa qieghed ghalhekk jinstab hati tal-imsemmija reati kontravenzjonali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 338(bb) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Charles Debono hati tas-seba'(7) u t-tmien(8) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ammenda kumplessiva ta' mija u sittax il-Ewro (€116), filwaqt li tiddikjarah mhux hati tal-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3), ir-raba(4), il-hames(5) u l-ghaxar(10) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi. Stante r-rinunzja da parti tal-parti civili l-Qorti tiddikjara il-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda is-sitt(6) u d-disa'(9) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------